# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 110/92 DS**

Lawrence Attard ghan-nom u in rapprezentanza ta' L & D Attard Company Limited

vs

Sergio Manche, Charles Cremona u Paul Galea

Illum, 12 ta’ Lulju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-24 ta’ Jannar 1992 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta attrici silfet brevi manu lill-konvenut is-somma ta’ sbatax il-elf u hames mitt lira (Lm17,500).

Illi dan l-ammont kellu jithallas lura fi zmien xahar.

Illi ghalkemm il-konvenutI gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 10 ta’ Jannar 1991 biex tithallas l-imsemmija somma flimkien mal-imghax dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u skadut u d-debitur ma ghandux difiza xi jressaq.

talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sbatax-il elf u hames mitt liri (Lm17,500) self brevi manu lilhom moghti.

Bl-ispejjez inkluzi l-imghaxijiet legali mill-10 ta’ Jannar 1992 l-ittra ufficjali l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Preliminarjament illi huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni ma l-attur jew il-kumpanija L and D Attard Company Ltd. minnu rappresentata. Infatti n-negozju oggett ta’ din il-kawza sar bejn l-attur Lawrence Attard personalment u l-Kumpanija Stephen Tabone Ltd.
2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-attur kemm personalment u kemm ghan-nom tal-Kumpanija attrici qatt ma silef xi flus lill-eccipjenti, la brevi manu u lanqas b’mod iehor imma biss investa f’intrapriza li ma rnexxietx fin-Nigerja.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-5 ta' Frar 1993 fejn gie nominat l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Paul Caruana Curran biex jiehu x-xhieda u jircievi dokumenti;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li t-tliet konvenuti kienu waqghu fin-nassa mhejjija minn xi Nigerjani li pproponew transazzjoni konsistenti filli jinfetah kont f'Bank f'Malta sabiex jircievu fih flus provenjenti min-Nigerja b'dan li biex jigu rilaxxati dawn il-flus kellhom l-ewwel isiru pagamenti fin-Nigerja ghall-hlas ta' taxxa u bhala rigal lil xi persuna jew persuni fl-awtorita` fin-Nigerja stess. Biex isiru dawn il-pagamenti u b'hekk isir ir-rilaxx tal-flus, il-konvenuti gew mitluba jikkontribwixxu somma sostanzjali filwaqt li gew imweghda persentagg ta' 30% mill-flus li kellhom jitnbaghtu Malta. Naturalment din kienet biss *mise en scene* da parti tan-Nigerjani peress li ma kien hemm l-ebda flus x'jintbaghtu Malta. Il-konvenuti accettaw il-proposta Nigerjana wara li kienu kkonsultaw lil certu Albert Scerri u wrewh id-dokumenti li kienu rcevew min-Nigerja u dan dehrlu li n-negozju propost kien jidher genwin. Ghal dan l-iskop Albert Scerri waqqfilhom kumpanija bl-isem ta' Stephen Tabone Limited u anke fetah kont mal-Mid-Med Bank f' Cross Road, Marsa. Billi l-konvenuti ma setghux jigbru bejniethom is-somma li riedu jhallsu, Albert Scerri ssuggerixxa li jsib persuna

ohra li tkun tista' tohrog parti mis-somma. Ghalhekk gie avvicinat Lawrence Attard.

Mhuwiex kontestat li Lawrence Attard hareg is-somma ta' sbatax-il elf u hames mitt liri Maltin (Lm17,500). Izda filwaqt li hu jghid li dan kien b'self, il-konvenuti jsostnu li dawn kienu ntizi bhala investiment da parti tieghu fin-negozju li minghalihom kellu jsir. Barra minn hekk isostnu li huma personalment ma kellhom l-ebda relazzjoni la ma' l-attur u lanqas mal-kumpanija L & D Attard Company Limited u li r-relazzjoni kienet bejn Lawrence Attard personalment u l-kumpanija Stephen Tabone Limited.

Issa kif kellha okkazjoni tghid l-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol. LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992 (Vol. LXXVI.iv.677):

> *"Illi hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;*

*Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubji l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollez. Vol. XLII.ii.203). Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (art. 993 Kap 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede".*

Applikati dawn il-principji legali ghall-provi migbura, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti gew imharrkin korrettement fil-kwalita` taghhom personali.

Difatti huwa evidenti mill-provi li s-socjeta` Stephen Tabone Limited ma ssemmiet lil Lawrence Attard fl-ebda waqt tat-trattattivi. Ma rrizultax li meta Albert Scerri u l-konvenuti Manche u Cremona kellmu lil Attard, *a tempo vergine*, gabu a konjizzjoni tieghu li hu kien qieghed jittratta mal-konvenuti ghan-nom u in rapprezentanza ta' socjeta` kummercjali. Albert Scerri, waqt is-seduta quddiem l-assistent gudizzjarju mizmuma fit-2 ta' Novembru 1993 ighid in ri-ezami: *"Jiena semmejt il-kumpanija Stephen Tabone Limited ghax ix-xoghol li kellhom jaghmlu Charles Cremona u Sergio Manche kien se jkun ta' din is-socjeta`. Din is-socjeta` qatt ma ssemmiet ma' Lawrence Attard*

*ghaliex kienet immaterjali. Lawrence m'ghandu x'jaqsam xejn mas-socjeta` Stephen Tabone Limited"*. La Charles Cremona u lanqas Sergio Manche ma jsostnu li ssemmiet il-kumpanija ma' Lawrence Attard. Probabilment l-ewwel darba li Lawrence Attard sar jaf b'din il-kumpanija kien meta rcieva l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Ghalhekk ma jirrizultax, kif eccepew il-konvenuti, li sar xi negozju bejn Lawrence Attard u l-kumpanija Stephen Tabone Limited.

Izda l-konvenuti qed jeccepixxu wkoll li personalment ma kellhom l-ebda relazzjoni ma' l-attur jew mal-kumpanija L & D Attard Company Limited. Hawn irid jinghad li l-kawza in kwistjoni giet istitwita kontra l-konvenuti minn Lawrence Attard f'isem is-socjeta` L & D Attard Company Limited u mhux f'ismu personali. Ghalhekk l-ezami li trid taghmel il-Qorti huwa biex tara jekk fil-fatt kenitx tezisti relazzjoni bejn il-konvenuti kif imharrka, cioe` f'isimhom personalment, u s-socjeta` attrici.

Kull wiehed mill-partijiet in kawza jrid ikollu interess guridiku biex jista' jinghad li ghandu d-dritt tal-*locus standi in judicio* (**Veronica Farrugia et vs Mary Buhagiar**, Qorti ta' l-Appell, 2 ta' April 1993, Vol. LXXVII.ii.98). U huwa pacifiku li l-interess guridiku ghandu jkun attwali, kif jiddefinieh il-Mortara *"la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un dirito"*, u ghalhekk ghandu jkun jezisti fil-mument

li tigi proposta l-azzjoni, u inoltre jehtieg li l-interess ikun konkret, personali u sussistenti di fronti ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda (Ara: Vol. LXXXI.ii.250, Vol. LXXVI.ii.246, Vol. LXXV.ii.386, Vol. XLI.ii.1051).

Fil-kaz in ezami, apparti d-dikjarazzjoni ta' Lawrence Attard li kienet s-socjeta` attrici li silfet is-somma ta' Lm17,500 lill-konvenuti, hadd mix-xhieda l-ohra ma jindika li f'xi istanza Lawrence Attard semma li l-flus kienet qed tohroghom is-socjeta` attrici. Albert Scerri, li kien l-*accountant* tas-socjeta` attrici, sahansitra xehed testwalment fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1992: *"Fl-accounts tas-socjeta` attrici ma tnizzilx is-self. Is-self in kwistjoni ma tnizzilx fl-accounts tas-socjeta` L & D Attard Company Limited ghaliex is-socjeta` m'ghandhiex x'taqsam maghhom. Jiena ghalija dan is-self m'ghandux jidhol fl-accounts tas-socjeta` peress illi ghalija s-self sar personalment minn Lawrence Attard u mhux mis-socjeta`"*. U meta Lawrence Attard xehed fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1998 mizmuma mill-assistant gudizzjarju u in kontroezami gie mistoqsi jekk fil-kotba tal-kumpanija tnizzilx dan is-self, huwa wiegeb li jrid jiccekkja dan. Izda ma regax tela' biex jixhed dwar dan il-punt tant krucjali ghall-pretensjoni vantata minnu f'isem is-socjeta` attrici.

Issir referenza wkoll ghad-dokument esebit b'rikors ta' l-attur tal-25 ta' Ottubru 1999 u konsistenti f'nota ta' Albert Scerri datata 9 ta' Jannar 1992 lill-konsulent

legali tieghu. F'dan id-dokument ma nsibu l-ebda referenza ghas-socjeta` attrici izda biss li *"fuq li kont kellimtek il-Qorti, iz-zu kien silef is-somma ..."*.

Inoltre huwa kurjuz il-fatt li ma saret l-ebda skrittura dwar dawn il-flus. Fuq domanda lil Lawrence Attard meta xehed fil-15 ta' Mejju 1998 jidhirlux li somma bhal dik jellhom jaghmlu kitba, huwa wiegeb: *"Jekk tkun Avukat iva"*. Izda huwa kien qieghed jigi gwidat mill-*accountant* tieghu Albert Scerri li certament kien ikun kapaci jaghmel l-appozita skrittura biex jigu salvagwardati l-interessi tal-kumpanija kieku verament kienet hi li harget il-flus. Jidher li l-flus harighom Lawrence Attard personalment wara li kien imhajjar jaghmel hekk in vista tal-possibilita` indikata lilu ta' gwadann sostanzjali kemm-il darba jigi konkluz in-negozju propost.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu eccepew li huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni mal-kumpanija attrici L & D Attard Company Ltd u konsegwentement tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**